# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 3 ta' Mejju, 2002.**

**Kawza Numru: 3**

**Citaz. Nru. 384/02 GV**

**Rosario Cortis**

**Vs**

**Anthony Gauci**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illil-konvenut huwa debitur tal-attur fl-ammont ta' tmint elef liri (Lm 8,000) import ta' tlett kambjali, li jgibu n-numri 1,2 u 3, respettivament, biz-zewg numri inklusivament u kumulattivament, ilkoll debitament accettati u skaduti mit-30 ta' Novembru 2001 sal-31 ta' Jannar 2002, li qed jigu annessi u mmarkati dokumenti RC1, RC2, RC3 rispettivament.

Peress illi d-debitur gie mitlub diversi drabi ihallas. izda xorta wahda, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Peress illi l-kreditu tal-attur fis-somma ta’ tmint elef lira (Lm8,000) huwa cert, likwidu u esigibbli, sa fejn jaf l-attur, il-konvenut m’ghandu ebda difiza valida opponibbli f’din il-kawza kontra t-talba taghha ghall- hlas ta’ dik is-somma, u dan kif jidher mill-affidavit ta’ l-istess attur Rosario Cortis, huwa anness u mmarkat DOK RC4.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Taghti sentenza u tilqa’ t-talba tal-attur bla ma taghddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-artikolu 167-170 tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) u

2. Hekk tikkundanna minnufih lill-konvenut jhallas lill-istess attur is-somma ta’ tmint elef lira (Lm8,000) hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar ‘il fuq.

Bl-imghax, mid-data ta’ l-iskadenza ta’kull kambjala sal-gurnata ta’ l-effettiv pagament, u bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-attur;

Rat illi c-citazzjoni gie debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-attur;

Semghet l-avukat tal-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddecidi billi tilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**